# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — IT-TIENI KTIEB TA' L-1938

## XINHI LETTERATURA? GĦALFEJN TISWA?

F'xi artikoli ta' qabel konna għidna illi l-Letteratura ta' Pajjiż hi r-rappreżentazzjoni tal-ħajja ta' Nazzjon, fid-dehriet kollha tagħha: b'kelma waħda nistgħu nsejħulha l-awtobijografija ta' nazzjon, jiġifieri ħajjitha miktuba minnha nfisha bħala nazzjon u mhux minn wieħed jew ieħor minn uliedha jew minn barranin.

Kif xi drabi bniedem magħruf jikteb il-ħajja tiegħu n-nifsu, u jibda mit-twelid — jekk ukoll mhux minn qabel billi jsemmi xi ħaġa fuq dawk li nissluh — u jasal sal-ġranet li fihom jiktibha, hekk kull nazzjon tikteb il-ħajja tagħha mill-bidu saż-żmien li fih tinsab.

Iżda bejn l-awtobijografija ta' awtur u dik li nazzjon tikteb bil-letteratura tagħha hemm xi divrenzji, u divrenzji aktarx kbar. L-ewwel waħda hi din: illi bniedem jikteb ħajtu aktarx meta jkun daħal fiż-żmien, u għalhekk ma jkunx għadu jiftakar sewwa l-ġrajjiet kollha li jkun għadda minnhom, u dawk li jiftakar ma jkunx għadu jarahom fid-daqs u fil-lewn li dehrulu meta saru: fil-waqt illi l-awtobijografija ta' nazzjon tibda tinkiteb mill-ewwel snin tal-ħajja tagħha jiġifieri minn dawk is-snin li fihom tibda tifhem xinhi ħajja nazzjonali, u għalhekk ma tistax ma tiftakarx ġrajjietha kollha

jew ma tarahomx f'dak id-dawl li fih saru, għaliex ma kull ġrajja ssir it-tifkira tagħha; il-ġrajja taż-żgħurija bl-entużjażmu taż-żgħar; il-ġrajja taż-żgħużija bl-imħabba u bil-ħeġġa taż-żgħażagħ, u l-ġrajja tal-milja tal-ħajja, bil-ħsieb, bil-għaqal u bid-dehen ta' min ġarrab u tgħallem.

It-tieni divrenzja, kbira, hi din: illi bniedem li jikteb ħajtu, ikun jaf li qiegħed jiktibha; u billi kulħadd aktarx għandu xi ftit imħabba żejda lejh in-nifsu, dan ikun qiegħed f'periklu kbir li jew jaħbi, jew ibiddel, jew iżejjen xi ġrajjiet li ma jkunux għal qalbu. Mhux hekk il-letteratura, jew l-awtobijografija, ta' nazzjon; għaliex din ma tinkitebx minn bniedem wieħed iżda minn mijiet,—u konna sa ngħidu minn eluf— ta' nies, ta' xejriet u ta' fehmiet diversi, u fi żmenijiet bogħod minn xulxin, u għalhekk dak li jista' jinsa wieħed, jiftakru ieħor; dak li jbiddel wieħed isewwih ieħor; dak li jżejjen wieħed jagħmlu għeri ieħor; u hekk il-ħajja tan-nazzjon tinkiteb bla ma wieħed ikun jaf, jew bla ma jaħseb, li qiegħed jiktibha, u toħroġ kif tassew tkun, imżewqa bit-tajjeb u l-ħażin, bis-sabiħ u l-ikreh, bil-għani u l-fqir, bil-għaqli u l-ibleh kollu tagħha.

Trid taf, mela, nazzjon xinhi, f'liema kondizzjonijiet kienet jew qiegħda? Aqra, ifli l-letteratura tagħha. Il-letteratura ta' nazzjon hi l-mera tagħha li jgħid issewwa, li fih tidher kif inhì tas-sew.

*

Għalfejn tiswa l-letteratura ta' Pajjiż? Tiswa bħalma tiswa l-ħġieġa saħħara tal-mera. Kull min għandu nitfa tal-għaqal u ta' ħsieb tiegħu n-nifsu, jagħti daqqa ta' għajn lill-mera, qabel ma joħroġ barra fit-trieq. Għaliex? Mhux għal xi frugħa, iżda

biex jara hux ħiereġ kif jixraq lill-persuna, lill-kundizzjon, lill-grad tiegħu, biex jekk il-mera jurih li xi ħaġa ma hix qiegħda sewwa, jew li tista' tagħmillu għajb, jieħu ħsieb isewwiha jew ineħħiha qabel jidher fil-beraħ, quddiem in-nies. U aktar ma tkun nobbli l-persuna, tajba l-kundizzjon u għoli l-grad, aktar hu jifli tajjeb il-lbies, id-dafra u kull ma jista' jżejjen, kull ma jista' jgħajjeb.

Hekk, kull min iħobb tassew lil Pajjiżu u hu għajjur tal-ġieħ tan-Nazzjon jagħti dejjem daqqa ta' għajn lill-mera tal-letteratura tagħha; biex jekk dan jurih dik ix-xbieha għażiża, liebsa ħażin, jew dlielha mħabbla, inkella wiċċha mdennes, jew persunitha kollha mkasbra bir-rqajja tal-faqar, hu jindehex u bil-ħlewwa kollha, bil-għaqal kollu u bil-ħeġġa kollha li tagħtih qalbu u saħħtu, ifittex li ma jħallihiex toħroġ quddiem in-nies qabel ma jindrizzaha u jorqomha mill-aħjar li jista', biex ma jismax ewwilla lill-ġirien tagħha, u għandu mnejn lil ħbiebha, jagħdruha u jitbissmu minn urajha.

Nagħtu, mela, aħna l-Maltin, daqqa ta' għajn fil-mera tal-letteratura tagħna, u jekk dan il-mera jgħidilna illi fin-nazzjon tagħna hemm xi ħaġa xi nsewwu, xi frugħa x'nimlew, xi għajb x'inneħħu, nagħmlu ħilitna kollha, u nduru dawra madwarna, biex, qabel ma nidhru quddiem il-barranin, inwarrbu l-ħażin, inkattru u norqmu t-tajjeb.